**Laqgha Numru 21/K6/2012 – Laqgha b'urgenza**

**Introduzzjoni**

Il-Wieħed u Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 23 ta' Mejju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-22 ta' Mejju 2012. L-Agenda kienet:

**01. Jum Pembroke 2012.**

## 01. Jum Pembroke 2012.

1.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghal Jum Pembroke il-Kunsill jorganizza dawra madwar Malta fuq il-Bahar u gurnata l-bahar; Li Pembroke Athleta FC u Melita FC jinghataw trofew bhala rikonoxximent ghas-successi miksuba fl-istagun tal-futbol 2011/12; Li kif kien gie deciz f'laqghat precedenti jigu mistiedna l-Malta Polo Club biex jagħmlu esebizzjoni statika; Li jigu mistiedna numru ta' persuni / entitajiet skond lista sottomessa **(Ara Dok. B)** u li l-iscouts il-godda ta' Pembroke Scouts jigu onorata bil-prezentazzjoni ta' lapel pin tal-lokal biex tintlibes ma' l-Uniformi.

1.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irreferiet ghad-decizjoni tal-Kunsill mehuda lura fit-18 ta' Jannar 2006 riferenza Minuti 01/K5/2006 item 2.22, fejn kienet ipproponiet li l-Kunsill jixtri zewg bugles li jibqghu fuq l-inventarju tal-Kunsill imma jintuzaw mill-iscout group ta' Pembroke fil-funzjonijiet li jkollhom, fejn ipproponiet li l-Kunsill ghandu jistaqsi lill-Pembroke Scouts Group ghala dawn il-Bugels m'humiex qed jintuzaw u talbet li ghandhom jigu nfurmata li jekk mhux ser jintuzaw dawn ghandhom jigu ritornata lura lill-Kunsill.

1.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.07. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ghal Jum Pembroke il-Kunsill bhas-sena li ghaddiet jipprovdi spazju ghat-tfal u ghalhekk ghandhom jinkrew servizzi bhal bouncing castle ect biex it-tfal ikunu jistghu jiehdu pjacir.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

***1.10. Fil-5.50pm il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u talba li jigi skuzat ukoll ghall-laqgha 22/K6/2012 li ghandha ssir aktar tard. Il-kelliem halla l-kamra.***

1.11. Is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nfurmaw lill-Kunsill li qed jitolbu li jkunu skuzata ghall-laqgha b'urgenza riferenza 22/K6/2012 li ghandha ssir aktar tard.

1.12. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fil-5.51pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |